**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 08/23** | |
| **Data:** | It-Tnejn, 7 t'Awwissu 2023 |
| **Ħin:** | 5:45pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Skużata)<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Skużat)<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)<br>Sean Chircop - Kunsillier (Sat-7:45pm)<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **08.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **08.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **08.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **08.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **08.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **08.06** | **Xogħlijiet;** |
| **08.07** | **Żejt iż-Żejtun;** |
| **08.08** | **Tenders;** |
| **08.09** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **08.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **08.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **08.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**08. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq erbgħa ittri ta' apoloġiji mingħand Abela, Camilleri, Baldacchino u Caruana minħabba xogħol u mard. | Segretarju Eżekuttiv |

**08. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Caruana<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 07/23 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 08. 2. 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar l-ilma tal-Arti u Artiġjanat u s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jitkellem mal-ħaddiema sabiex dan jissewa. | |
| 08. 2. 2 | 07.03.06 | Fenech | Trid taqra Żejt iż-Żejtun. | |
| 08. 2. 3 | 07.04.05 | Chircop | Chircop qal li s-Sur Manuel Zammit aċċetta n-nomina minflok is-Sur Zahra. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2. | 4 | | Caruana | Caruana qal li għandu jitniżżel li s-Sur Ivan Giardina daħal waqt il-laqgħa Nru 07/23 tal-Kunsill u tterrompa l-andament b'kummenti fil-konfront tal-Kunsillier Raymond Caruana. | |
| 08. | 2. | 5 | 07.02.06 | Fenech | Fenech ġibdet l-attenzjoni li dawn 06.02.06 u 06.02.03 huma relatati u t-twinning propost huwa mal-lokalita' ta' Bir Żejt u dan intagħlab li jsir mill-Ambaxxata Palestinjana f'Malta. | |
| 08. | 2. | 6 | 07.02.10 | Caruana | Din għandha taqra Triq Anġlu Grima. Ma' dan żdied li wara li ċċekjajna dwar tabelli li ntqal li twaħħlu, dan ma kinx minnu. | |
| | | | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **08.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 2 | 5 | 07.02.09 | Viċi-Sindku: Misraħ Santa Marija | Il-Viċi-Sindku reġat qajmet il-kwistjoni tal-parkeġġi f'dan il-misraħ. Qalet li r-residenti tkellmu magħha wara li raw il-pjanta u għandhom il-biża' li l-parkeġġ ser jonqos. Kien hemm diskussjoni dwar dan u ser jiġu ċċekjati l-parkeġġi kif inhuma ma' dawk proposti. | Sindku |
| 08. | 2 | 6 | 07.03.02 u 07.03.03 | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dawn it-tnejn u s-Sindku ser telabora iktar dwarhom. | |
| 08. | 2 | 7 | 07.03.07 | Viċi-Sindku: *Zebra Crossing* | Il-Viċi-Sindku reġat staqsiet dwar din it-talba u qalet li kien hemm xi żviluppi. Is-Sindku qalet li ser nibagħtu imejl lil TM sabiex din it-talba tiġi approvata u ssir mal-bandli ta' Ġnien il-Qawsalla. Il-parkeġġ li ser jonqos ser ikun qed jiżdied fejn hemm iz-*zebra crossing* bħalissa.<br>Fenech staqsiet ukoll jekk qadtx saret talba għall-*zebra crossing* oħra fejn Ritchie. | Sindku |
| 08. | 2 | 8 | 07.04.01 | Viċi-Sindku: *Sleeping police* | Il-Viċi-Sindku qajmet il-punt dwar din is-*Sleeping police* u s-Sindku wieġbet li TM tawna l-permess sabiex issir waħda peress li diġa hemm oħrajn u kienu ser jiġu qrib wisq. Qalet ukoll li l-*cats eyes* twaħħlu minn resident bla permess u TM tawna l-permess sabiex dawn jitneħħew immedjatament. | Sindku |
| 08. | 2 | 9 | 07.02.07 | Fenech: *Bus Shelters* | Fenech staqsiet meta ser jinħaslu l-bus shelters u jissewew li hemm miksura. Is-Sindku qalet li ser nikkuntatjaw lill-kumpanija Faces peress li dawn qed jieħdu ħsieb il-proġett sabiex jinbidlu. Ser ikunu qed jinagħtaw tindifa wkoll. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2 | 10 | 07.02.05 | Fenech: *Book Sale* | Fenech qalet li l-cat feeders organizzaw *pizza night* u kien hemm 35 ruħ. Il-flus miġbura qed imorru għall-*vets*, *fostering* u ikel. Irnexxilhom jagħmlu kuntatt mad-Dar tal-Anzjani sabiex isir *neutering*. Żiedet li l-proġett *LC Care* għadu mhux magħluq għax għadna qed nintalbu l-*invoices* u irċevuti. | Fenech |
| 08. | 2 | 11 | 07.04.02 | Caruana Ray: Linji tal-parkeġġi | Caruana reġa staqsa dwar dawn il-linji u qal ukoll li hemm problema għax iridu jsiru żewġ linji sofor sabiex ma jipparkjawx f'Misraħ il-Bjar għal Triq l-Isqof Antonio Zahra peress li vetturi kbar qed jeħlu meta jsibu karozzi pparkjati.<br>Chircop qal li kellu suġġerment li din għandha terġa tingħalaq kif kienet imma dwar dan ma kinx hemm qbil.<br>Raymond qal ukoll li għandha titwaħħal l-*sleeping police* fi Triq Toni Zahra. | Sindku |
| 08. | 2 | 12 | 07.04.04 | Caruana: Triq Joe Attard | Caruana qal li għandna nkellmu TM sabiex nindikawlhom li din diġa kienet hekk u għandha tiġi kif kienet. | Caruana |
| 08. | 2 | 13 | 07.04.05 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li din l-attivita' ittelgħat b'suċċess u kien hemm attendenza tajba. | Chircop |

**08 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/23. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li fl-14 ta' Lulju kellha laqgħa mas-Sur Joseph Bezzina EWA mill-Ministru tal-Enerġija dwar iċ-*charging pillars*. | |
| 08 | 3 | 2 | | Sindku | Is-Sindku qalet li l-latrina tas-suq waslet sabiex jingħata s-saqaf. Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar jekk hux ser issir c-*changing room.* Din jidher li mhux ser issir. | |
| 08 | 3 | 3 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa ma' Dr Xiaoyan Dong direttriċi tal-*Mediterranean Regional Centre for Traditional Chinese Medicine* fejn talbet li ssir laqgħa għar-residenti dwar is-servizzi li l-klinika tagħhom toffri. Fenech qalet li din ser issir fis-28 ta' Awwissu fis-6pm fis-Sala tal-Kunsill. Huma talbu wkoll li jkunu preżenti waqt Żejt iż-Żejtun u ser jingħataw posta. | |
| 08 | 3 | 4 | | Sindku | Is-Sindku qalet li tkellmet magħha s-Sa. Josianne Bongailas peress li t-tifel tagħha qed jilgħab il-logħba taċ-ċess sabiex nigħnu pero bħala kunsill ma nistgħux nagħtu donazzjonijiet. | |
| 08 | 3 | 5 | | Sindku | Is-Sindku qalet li Bir Żejt fil-Palestina u Oborniki tal-Polonja wrew interess li li jibda l-proċess ta' ġemellaġġi. | |

**08. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 4 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**08. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 5 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**08. 6. Xogħlijiet;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 1 | | Sindku: Proġett Bellus | Is-Sindku qalet li kellna l-*clearance* minn naħa tal-*Planning Authority*. Hemm xi punti li l-ERA għad trid titkellem dwarhom. | |
| 08. 6. 2 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ħarġu l-permessi ta' Ġnien Brejġu u Ħal Tmin u l-ħsieb huwa li nibdew minn Ħal Tmin. | |
| 08. 6. 3 | | Sindku | Is-Sindku qalet li r-residenti ta' Triq il-Għadam huma rrabjati ħafna u tlabna lill-IM sabiex isir *extended patching* pero ma qablux ma' dan. Issuġerew li din tiddaħal max-xogħolijiet l-oħra li ser tagħmel IM. Caruana qal li dawn anke problemi bil-bankini għandhom. | |
| 08. 6. 4 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellha stedina mis-Sindku ta' Celano sabiex iżżur dan il-post bejn l-10 u t-13 t'Awwissu pero mhux ser tkun tista' tmur.<br>Qalet li ser ikun hemm preżenti l-Ambaxxatur Malti għall-Italja u ser tipprepara diskors sabiex jinqara dakinhar tal-okkażżjoni tat-300 sena ta' Federiku II. | |
| 08. 6. 5 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li kien hemm *disbaled parking* fi Triq San Klement li ċċaqlaq mingħajr permess ta' TM. Is-Sindku qalet li dan kien qed isib problema biex jipparkja u ċċaqlaq minħabba din ir-raġuni. | |

**08. 7. *Żejt iż-Żejtun;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li hemm applikazzjoni ġdida fejn fl-attivitajiet ser jintuża ikel.<br>Ser naraw eżatt x'tirrikjedi u tibda' timtela. | |

**08. 8. Tenders;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 8. 1 | | | Ma kinx baqa' ħin sabiex din tiġi diskussa | |

**08. 9. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 9. 1 | | | Ma kinx baqa' ħin sabiex din tiġi diskussa | |

**08. 10. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 10. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 08/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. | 10. | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 07/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | |
| 08. | 10. | 3 | *Petty Cash* - Ġunju 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €147.10 | |
| 08. | 10. | 4 | | Ġew approvati żewġ invoices tal-skart tar-Reġjun Nofsinhar li jammontaw għal €206.74 u €15,032.24 | |

**08 11 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 11 | 1 | | Ma kinx baqa' ħin sabiex dawn jiġu diskussi. | |

**08 12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-7.45pm peress li ma kinx hemm *quorum*. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 4 ta' Settembru 2023 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv